



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2024
(OR. fr)

10689/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0132(NLE)

PEECHE 221

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Ġunju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 234 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2024-2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 234 final.

Mehmuż: COM(2024) 234 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2024
COM(2024) 234 final

2024/0132 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni
(2024-2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-
Repubblika ta' Cabo Verde**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde ġie ffirmat fit-12 ta' Frar 2007 u daħal fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2007 għal perjodu ta' 5 snin. Il-Ftehim jiġġedded b'mod taċitu u għalhekk għadu fis-seħħ. Il-Protokoll ta' Implimentazzjoni preċedenti tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd għal perjodu ta' 5 snin, beda japplika fl-20 ta' Mejju 2019 u se jiskadi fid-19 ta' Mejju 2024.

Fid-19 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Protokoll ġdid (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll il-ġdid") għall-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd.

Abbażi tad-Direttivi ta' negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni nneozjat ma' Cabo Verde dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' implimentazzjoni ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunita Ewropea u Cabo Verde. L-għan huwa li l-bastimenti tal-Unjoni jingħataw aċċess għaż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde u jitħallew jistadu għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati, filwaqt li jitħarsu l-miżuri adottati mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Wara dawn in-negozjati, fil-15 ta' April 2024 ġie inizjalat test ġdid tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni.

Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 5 snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 17.

Il-Protokoll il-ġdid għandu l-għan li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd fl-ilmijiet ta' Cabo Verde, skont il-pariri xjentifiċi u r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Għan addizzjonali huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u Cabo Verde, u b'hekk jiġi implimentat il-qafas ta' sħubija tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd li fih tiġi żviluppata politika tas-sajd sostenibbli u sfruttament tajjeb tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Cabo Verde, fl-interessi taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll il-ġdid jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jistadu fl-ilmijiet ta' Cabo Verde għall-ispeċijiet tat-tonn u jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

- 24 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun;
- 22 bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ;
- 10 bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief;

kif ukoll bastimenti ta' appoġġ skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT.

Jenħtieġ li jiġi stabbilit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

¹ réf. 15485/23 + ADD 1, approvat mill-Coreper, il-Parti 1, fil-15.12.2023; <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-16673-2023-INIT/mt/pdf>

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-għan ewlieni tal-Protokoll il-ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-politika komuni tas-sajd (PKS) u d-dimensjoni esterna tagħha. Dan se jgħin biex titkompla u tissaħħa is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u Cabo Verde.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni li jimmiraw għat-tonn u għal speċijiet oħra assoċjati fl-ilmijiet ta' Cabo Verde. Huwa bbażat fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-ICCAT, li hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li tiġġestixxi l-istokkijiet tal-ħut migratorji ħafna. Il-miżuri ta' ġestjoni adottati mill-ICCAT huma inklużi wkoll fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-PKS li japplikaw għaż-żona tal-ICCAT, b'mod partikolari dawk tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd².

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd huwa parti minn azzjoni esterna tal-Unjoni rigward il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u b'mod partikolari jqis l-oġġettivi tal-UE dwar il-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

In-negozjar favur il-konklużjoni ta' Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd huma koerenti fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn il-Partijiet b'rabta mal-iżvilupp tas-settur tas-sajd u tal-kummerċ tal-prodotti tiegħu. Cabo Verde jibbenefika minn “deroga temporanja”³ mir-regoli dwar l-orijini preferenzjali għal kwantitajiet limitati ta' flettijiet u lojns tat-tonn ippreparati jew ippreservati, u ta' flettijiet ippreparati jew ippreservati tal-kavall jew tumbrell ta' orijini mhux tal-UE. B'din id-deroga, dawn il-prodotti ta' orijini mhux tal-UE u mhux ta' Cabo Verde ipproċessati f'Cabo Verde jieħdu l-orijini ta' “Cabo Verde” u mbaġħad jistgħu jiġu esportati lejn l-UE mingħajr dazji doganali meta jidħlu fis-suq tal-UE (is-sistema SGP +).

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-bażi legali hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

² ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1–219). Ara t-Taqsima 3 u l-Anness ID.

³ Din id-deroga “temporanja” ilha tiġġedded regolarment mill-2008 — u huma inklużi l-ippreservat, il-flettijiet u l-lojns tat-tonn mill-2017, sakemm tiġi żviluppata flotta nazzjonali u jiġi ffirmat Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) reġjonali mal-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), li Cabo Verde jagħmel parti minnha.

Il-proposta hija proporzjonata mal-objettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza legali, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament li jstabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Hija tikkonforma ma' dawn id-dispożizzjonijiet u mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

Fl-2023, il-Kummissjoni ħarġet mandat għal evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll tal-2019-2024, tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd ma' Cabo Verde, kif ukoll għal evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll⁴.

L-evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll tal-2015-2018 ikkonkludiet li kien jikkomplementa l-arranġamenti l-oħra stabbiliti dwar l-aċċess għal dak ir-reġjun, u jippermetti li l-bastimenti tal-Unjoni jottimizzaw l-isfruttament tal-istokkijiet tal-ħut li jpassu skont ir-regoli reġjonali stabbiliti mill-ICCAT. Mill-evalwazzjoni ħareġ li s-settur tas-sajd tal-Unjoni huwa interessat ferm fil-possibbiltà tal-attività tas-sajd f' Cabo Verde u li n-negozjar ta' Protokoll ġdid huwa fl-interess taż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, in-negozjar ta' Protokoll ġdid se jgħin biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u se jikkontribwixxi għat-titjib tal-attività tas-sajd fir-reġjun.

Għall-Unjoni, huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' attur ewlieni tal-governanza tal-oċeani fil-livell sottoreġjonali, minħabba l-firxa taż-żona tas-sajd li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu. Għall-flotta tal-Unjoni, dan ifisser l-aċċess mill-ġdid għal żona importanti tas-sajd fejn ikunu jistgħu jintużaw strateġiji tal-ħsad skont qafas legali internazzjonali pluriennali. Barra minn hekk, il-pożizzjoni favorevoli tal-Port de Mindelo (il-Gżira ta' São Vicente), f'żona ta' sfruttament qawwi tagħmlu port potenzjali importanti tal-iżbark, li jikkontribwixxi għar-rilevanza tal-Protokoll il-ġdid previst, kemm għas-settur tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll għall-pajjiż sieħeb. Għall-awtoritajiet ta' Cabo Verde, l-għan huwa li jinżammu r-relazzjonijiet mal-Unjoni sabiex tissaħħaħ il-governanza tal-oċeani, li jibbenefikaw minn appoġġ settorjali speċifiku b'opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali, u li tinbeda l-industrijalizzazzjoni tas-settur ta' pajjiżhom tal-ipproċessar permezz tal-attività tal-bastimenti, bħala parti mid-diversifikazzjoni tal-ekonomija.

Għall-Unjoni, huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' pajjiż li huwa sieħeb ewlieni, li hu fornitur ta' prodotti tas-sajd lill-Unjoni u li hu parti kkonċernata fix-xena internazzjonali, u li għandu żoni tas-sajd li huma ta' interess għall-flotta tal-Unjoni.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Defaux, V., Cappell, R., Évaluation rétrospective et prospective du Protocole de mise en œuvre de l'accord de partenariat dans le domaine de la pêche entre l'Union européenne et la République de Cabo Verde (Evalwazzjoni retrospettiva u prospettiva tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde) — Rapport Finali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, <https://data.europa.eu/doi/10.2771/814998>

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tas-settur, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll lill-amministrazzjoni tas-sajd u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ta' Cabo Verde. Saru wkoll konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal. Dawn il-konsultazzjonijiet juru li huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea u ta' Cabo Verde li jinżamm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali fil-fond, b'opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali għal Cabo Verde. Għat-tagħmir navali tal-UE, huwa fl-interess tagħhom li jżommu l-aċċess għal żona tas-sajd konsiderevoli, permezz ta' ftehim fis-settur tas-sajd.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabdet konsulent indipendenti jagħmel l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jstabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u mal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll (2024-2029) ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde, kif ukoll mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu. Dan ir-Regolament għandu japplika ladarba jkun jistgħu jibdeu isiru l-attivitajiet tas-sajd skont il-Ftehim, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2024-2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006², daħal fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2007. Il-Protokoll tiegħu li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim skadew fid-19 ta' Mejju 2024.
- (2) Fid-19 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill adotta Deciżjoni³ li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' Cabo Verde għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid ("il-Protokoll") li jimplementa l-Ftehim.
- (3) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni Ewropea, Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll"). Wara dawn in-negozjati, il-Protokoll ġie inizjalat fil-15 ta' April 2024.
- (4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/...⁴, il-Protokoll ġie ffirmat fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (5) L-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll għall-istokkijiet ta' ħut migratorju ħafna, stabbiliti f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet u mar-riżoluzzjonijiet adottati mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, jenħtieġ li jiġu allokat i fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.

¹ Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 3).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006 tad- 19 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-konklużjoni ta' Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Repubblika ta' Cabo Verde (Ref. 15485/23 + ADD 1, approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.12.2023). <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-16673-2023-INIT/mt/pdf>

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/... ta' ... 2024 dwar ... (ĠU C [...], [...], p. [...]).

- (6) Dawn il-miżuri huma urġenti, minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Cabo Verde u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Għalhekk, il-Protokoll se jibda japplika fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, sabiex ikunu jistgħu jitkoplew malajr kemm jista' jkun l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik l-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") għandhom jiġu allokatu fost l-Istati Membri kif ġej, matul il-perjodu kollu tal-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll:

- a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:
- | | | |
|---------|-------|------------|
| Spanja: | 14-il | bastiment |
| Franza: | 10 | bastimenti |
| Total | 24 | bastiment; |
- b) bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief:
- | | | |
|---------------|-----------|-------------|
| Spanja: | 6 | bastimenti |
| Franza: | 3 | bastimenti |
| Il-Portugall: | bastiment | 1 |
| Total | 10 | bastimenti; |
- c) bastimenti tas-sajd li jistadu bil-konz tal-wiċċ :
- | | | |
|---------------|-------|------------|
| Spanja: | 17-il | bastiment |
| Il-Portugall: | 5 | bastimenti |
| Total | 22 | bastiment. |

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [id-data tal-iffirmar tal-Protokoll għandha tiddaħħal hawn].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President